MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1096/2006/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha Christian u Francesca mizzewgin Ganado**

**vs**

**Alitalia - Linee Aeree Italiane S. P. A.**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni kkawzati fis-16 ta` Gunju, 2006 lill-assigurati ta` Middlesea Insurance plc,

cjoe` s-Sinjuri Christian u Francesca konjugi Ganado, permezz ta` dewmien ta` bagalji li kellhom jaslu ma` l-ajruplan li hadu l-istess sinjuri, cjoe` minn Milan ghal Ruma mal-kumpanija konvenuta, liema bagalji ma waslux u wara sitt ijiem regghu ntbaghtu Malta. Peress li kien hemm *overbooking* da parti tas-socjeta` konvenuta tant li s-Sinjuri Ganado fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta kellhom jaqbdu ajruplan aktar tard fl-istess gurnata ma` l-istess kumpanija.

Peress illi meta gara hekk is-Sinjuri Ganado nfurmaw lill-impjegati tal-kumpanija konvenuta illi fil-bagalji kien hemm il-bzonnijiet kollha necessarji ghaliex kienu ser jattendu t-tieg gewwa Ruma, liema mpjegati assigurawhom illi l-bagalji kienu ser jaslu fil-hin tat-tieg.

Peress illi s-sinjuri ghamlu rapport dwar il-bagalji taghhom li ma nstabux gewwa l-ajruport ta` Ruma u kellhom jixtru l-bzonnijiet kollha sabiex jattendu dan l-imsemmi tieg ghaliex l-ilbies formali li kellhom kienu jinsabu f'dawn il-bagalji mitlufa izda nonostante li s-socjeta` konvenuta assigurat lis-Sinjuri Ganado li l-bagalji kienu ser jaslu ma` l-ajruplan sussegwenti, dawn baqghu ma nstabux.

Peress illi s-socjeta` attrici bhala socjeta` assiguratrici tal-konjugi Ganado rrifondat lis-Sinjuri Ganado l-ammont ta` sitt mitt lira Maltin (Lm600) ghad-danni kkawzati mis-socjeta` konvenuta wara li giet iffirmata d-*discharge and subrogation form* bejn is-Sinjuri Ganado u s-socjeta` attrici. Ghalhekk is-socjeta` attrici qeghda titlob li s-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta` sitt mitt lira Maltin (Lm600) ghar-ragunijiet premessi.

Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx Risposta formali ghalkemm fis-seduta tas-6 ta` Frar, 2007 deher Dr Chris Grima li rregistra oppozizzjoni.

Sema` x-xhieda ta` Christian Ganado, Francesca Ganado u Patrick Muscat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Christian u Francesca Ganado siefru minn Milan ghal Ruma permezz ta` titjira ta` l-Alitalia izda meta waslu Ruma, l-bagalji taghhom ma waslux. Huma kellhom jattendu tieg f'Ruma u l-ghada kellhom jigu Malta ghal tieg iehor. Huma lmentaw mar-rapprezentanti ta` l-Alitalia u dawn infurmaw lill-konjugi Ganado li l-bagalji ser jaslu mat-titjira ta` wara izda fil-fatt il-bagalji ma waslux ma` din it-titjira u sussegwentement gew infurmati illi l-bagalji ser jaslu 'l ghada izda dan kien tard wisq u ghalhekk il-konjugi Ganado ma kellhomx alternattiva hlief li jmorru Ruma u jixtru ilbies godda adatti ghall-okkazjoni u hwejjeg ohra ghall-bzonnijiet taghhom personali sabiex ikunu jistghu jmorru ghat-tieg li kien proprju dakinhar.

Effettivament il-bagalji ma waslux u gara illi 'l ghada huma kellhom imorru Malta fejn kellhom okkazjoni ta` tieg iehor u ghalhekk taw struzzjonijiet biex jekk il-bagalji jinstabu dawn jintbaghtu Malta u fil-fatt il-bagalji waslu Malta madwar sitt ijiem wara.

Il-konjugi Ganado kienu assigurati mas-socjeta` Middlesea Insurance plc u pprezentaw claim u b'rizultat ta` din it-talba s-socjeta` attrici kkompensathom fl-ammont ta` sitt mitt lira Maltin (Lm600) li huwa l-*maximum policy limit* ghall-kazijiet simili billi fil-fatt l-ispejjez inkorsi mill-konjugi Ganado kienu jissuperaw dan l-ammont. Is-socjeta` attrici giet debitament surrogata.

Stabbilit il-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kwistjoni hija regolata bid-dispozzjonijiet tal-

*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air* maghrufa bhala l-*Montreal Convention*. L-Artikoli relevanti ghall-mertu odjern huma l-Artikoli 19 u 22.2 li jiddisponu hekk:

"<u>Article 19</u>

The carrier is liable for damage occasioned by delay in the carriage by air of passengers, baggage or cargo. Nevertheless, the carrier shall not be liable for damage occasioned by delay if it proves that it and its servants and agents took all measures that could reasonably be required to avoid the damage or that it was impossible for it or them to take such measures.

<u>Article 22.2</u>

In the carriage of baggage, the liability of the carrier in the case of destruction, loss, damage or delay is limited to 1,000 Special Drawing Rights for each passenger unless the passenger has made, at the time when the checked baggage was handed over to the carrier, a special declaration of interest in delivery at destination and has paid a supplementary sum if the case so requires. In that case the carrier will be liable to pay a sum not exceeding the declared sum, unless it proves that the sum is greater than the passenger's actual interest in delivery at destination."

A tenur tal-premess jidher car li l-carrier huwa prezunt responsabbli sakemm ma jirnexxilux igib prova kontrarja. L-oneru tal-prova jispetta lill-carrier biex juri li "*it and its servants and agents took all measures that could reasonably be required to avoid the damage or that it was impossible for it or them to take such measures*".

Fil-kaz odjern tali prova difensjonali assolutament ma saritx. Ma tressqu l-ebda provi biex juru

ghaliex kien hemm delay u x'ghamlet is-socjeta` konvenuta biex twassal il-bagalji lill-konjugi Ganado mill-aktar fis possibbli. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ghajr hlief li jikkonkludi li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-dewmien (delay) mertu tal-kaz.

F'kaz simili, a tenur ta` l-Artikolu 22.2 tal-Montreal Convention, il-kumpens normalment pagabbli huwa sa massimu ta` 1000 SDRs (li jigu bejn wiehed u iehor erba` mija u disghin lira Maltin (Lm490)) ghal kull passiggier (mhux kull luggage). L-ammont mitlub mill-atturi fil-kawza odjerna huwa ta` tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghal kull passiggier u cjoe` ammont inferjuri mill-limitu stabbilit fl-imsemmija konvenzjoni u ghalhekk it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitt mitt lira Maltin (Lm600) bl-ispejjez kollha tal-kawza u bl-interessi mit-18 ta` Dicembru, 2006 (data tal-prezentata ta` l-Avviz) sad-data tal-hlas effettiv.**”**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b' din is-sentenza u appellat minnha biex titlob ir-revoka taghha. Bl-aggravji taghha hi tasserixxi illi saret lezjoni tal-principju *audi alteram partem* in kwantu t-Tribunal ipproceda ghas-sentenza meta ma dehritx ghal seduta wahda u dan il-fatt cahhadha mic-cans li ttella' l-provi taghha *in difesa*;

Opportunement, il-Qorti thoss li ghandha, qabel xejn, tirregistra din il-kronologija ta' l-*iter* processwali quddiem it-Tribunal:-

(1) Il-kawza giet introdotta fit-18 ta' Dicembru 2006 u debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta, flimkien ma' l-avviz ta' l-appuntament taghha, fis-16 ta' Jannar 2007;

(2) Fl-ewwel udjenza tas-6 ta' Frar 2007 jinsab verbalizzat illi dehru l-Avukati difensuri tal-kontendenti fejn Dr. Chris Grima ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li ser jikkontesta t-talba. Il-kawza gie differita ghal provi ghat-28 ta' Frar, 2007;

(3) F' din l-ahhar imsemmija data ta' udjenza nstemghu l-provi tas-socjeta` attrici u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-6 ta' Marzu 2007. Jigi notat illi f' din l-udjenza la deher ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas il-konsulent legali taghha;

(4) Fis-6 ta' Marzu 2007 inghatat is-sentenza wara li gie verbalizzat illi "meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Abigail Galea ghas-socjeta` attrici";

Premessa din is-sekwenza, hu dispost fl-Artikolu 9 (1) tal-Kapitolu 380 illi meta ma jkunux iffissati r-regoli procedimentali skond l-Artikolu 16, il-gudikatur jirregola l-proceduri quddiemu kif hekk jidhirlu opportun, basta li jkunu rispettati l-principji tal-gustizzja naturali. Essenzjalment, ghal dak li jirrigwarda l-kaz prezenti, il-principju *audi alteram partem.* Dan jikkonsenti lill-partijiet l-izvolgiment djalettikali tad-difizi tal-kaz taghhom u, allura, tar-rispettivi deduzzjonijiet u kontro-deduzzjonijiet taghhom. Hekk il-principju jitqies li gie mhares meta l-partijiet ikunu nghataw il-possibilita` li jressqu l-assunti taghhom u li jipproducu l-provi in sostenn ta' l-istess. Addizzjonalment, li jkunu jafu r-rizultanzi kollha tal-kawza li fuqhom il-gudikatur ikun ser jibbaza l-konvinciment u d-decizjoni tieghu. Naturalment, biex jigi raggunt dan l-iskop, il-partijiet ghandhom jigu assenjati termini ghal prezentazzjoni tal-provi u ghad-diskussjoni tal-kaz;

Innegabilment, minn dan dedott, kif ukoll mid-duttrina legali, il-principju hu wiehed inderogabbli. Dan anke meta, bhal fil-kaz tal-procedimenti quddiem dan it-Tribunal, il-gudikatur huwa awtorizzat jiddeciedi

"principalment skond l-ekwita" [Artikolu 7 (1)]. Di regola, din l-esigenza tal-principju suddett trid li dan ghandu jissussisti u jigi assikurat mhux biss fil-bidu tal-proceduri, imma ghandu jircievi l-effettivita` shiha tieghu matul il-kors shih tal-prosediment, kompriz id-decizjoni nnifisha permezz ta' ragunijiet sobriji li jispjegaw il-ghala l-gudikatur ikun qed jilqa' jew jichad it-talba;

Ta' importanza kbira, ma' dan kollu li nghad hi akkoppjata r-riflessjoni li titraxxendi mill-precett ta' l-Artikolu 13 tal-ligi specjali kostitwita bl-Att V ta' l-1995, u cjoe, dik tal-presenza tal-partijiet fil-proceduri. Inghad, a propositu, f' dan il-kuntest illi "l-attendenza fizika ghas-smigh - una volta l-parti tkun notifikata gustament bil-kawza - hija essenzjali u ma tigix sanata jew sodisfatta, lanqas jekk ikun hemm risposta bil-miktub tal-konvenut li biha jopponi t-talba" ("**Emanuel Caruana -vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru, 1996);

Applikati l-konsiderazzjonijiet kollha suesposti ghal kaz in ispecje, huwa aktar minn evidenti illi l-lezjoni tal-principju lamentat mis-socjeta` appellanti ma huwiex konfigurabbli f' ebda wahda mill-ipotesijiet avvanzati minnha. Fir-rigward il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) *In primis*, fl-ebda wahda mit-tliet udjenzi mizmuma ma jirrizulta li kien hemm il-presenza effettiva ta' xi rapprezentant tas-socjeta` appellanti;

(2) Sa mit-tieni udjenza, l-gudikatur seta', kieku ried, japplika d-dispost ta' l-Artikolu 13 (b) u jghaddi ghad-decizjoni tal-kawza fin-nuqqas ta' l-attendenza tas-socjeta` konvenuta;

(3) Nonostante li l-istess socjeta` appellanti nghatat il-fakolta li tressaq l-eccezzjonijiet taghha, din baqghet ma ipprevalietx ruhha minn din l-opportunita` u lanqas ma ressqet provi. Kien ghalhekk ghal kollox korrett it-Tribunal fejn fis-sentenza appellata rregistra illi "tali prova difensjonali assolutament ma saretx";

(4) Dan sahansitra anke meta t-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza “in difett ta’ ostakolu” ghax ukoll hawn is-socjeta` appellanti baqghet inattiva u ma ressqet ebda talba biex it-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex tkun tista’, ghar-raguni gusta, tipproduci d-difizi taghha;

(5) Jekk allura s-socjeta` appellanti giet koncessa tipprezenta r-risposta taghha b’ opposizzjoni ghat-talba, liema risposta qatt ma giet introdotta fil-pendenza tal-proceduri, u jekk ukoll kellha, kieku mhux ghall-inerzja u traskuragni taghha, l-opportunita` ta’ l-avvanz tal-provi, is-socjeta` appellanti ma ghandhiex hlief tlum lilha nnifisha (*imputet sibi*) imma ma tistax legittimament tilmenta minn vjolazzjoni tal-principju.

Ghal motivi kollha suespressi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------